MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 194/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA’**

**VS**

**RAYMOND PORTELLI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Portelli ta’ 51 sena, imwieled l-Imsida nhar is-17 ta’ Ottubru, 1953, residenti fil-fond numru 42, Triq Santa Venera, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita’ numru 738753 (M) ;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, matul Mejju, 2002 u Frar, 2003, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) ghad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uza l-kodici ta’ dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’*computer.*

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni giet ikkonfermanta minnu stess wara li nghata zmien skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) u l- Artikolu 337C (1)(i) tal-Kapiktolu 9tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------